# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 17

L-Erbgħa 24 ta'Settembru 2020

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| | Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

**24 ta' Settembru 2020**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

### 17.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji;

**17.1.01** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 17.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-16

**17.2.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 16 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

### 17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**17.3.01** Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li parti mis-saqaf tal-għassa tal-pulizija ġġarraf, bil-konsegwenza li parti mis-saqaf tal-berġa wkoll waqa. Il-Kunsill kien ilu snin jitlob lid-Dipartiment tal-Pulizija biex jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa fis-saqaf u l-bini ta' għassa. Din tħalliet fi stat t'abbandun. Waqt laqgħa mas-Superintendent tal-Pulizija ta' Għawdex madwar sena u nofs ilu kien qal li ser issir il-manutenzjoni meħtieġa iżda din ma saritx. Dawn issa huma fi stat perikuluz.

**17.3.02** Direttiva 4/2020 – Uża tal-Internet Banking. Permess li l-Kunsill juża l-*internet banking* għal kull transazzjoni li ssir mill-Kunsill.

**17.3.03** Diretiva 5/2020 – Depożitu ta' flus fil-banek. Proċedura biex jitnaqqas l-użu ta' *cash* jew ċekkijiet.

**17.3.04** Direttiva 6/2020 – Spejjeż tat-Tribunali Lokali.

**17.3.05** Ċirkulari Numru SPI/SCI/3/2020 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita'.

**17.3.06** Ċirkulari 7/2020 Permessi maħruġa mill-Kunsill Lokali skont L.S. 441.04.

**17.3.07** Emejl mingħand il-Ministeru tal-Enerġija dwar *Charging Pillar* fl-Għasri. Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill ikollu sehem fl-għażla tal-post fejn dan ser jiġi nstallat u aktar dettalji dwaru.

**17.3.08** Ittra mingħand Is-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanita' Attiva u l-Persuni B'Diżabilita' dwar il-Premju Soċjeta Ġusta.

**17.3.09** Emejl mingħand ir-Reġjun t'Għawdex dwar korsijiet akreditati fuq livell minn MQF 4 sa MQF 7.

**17.3.10** Emejl mingħand ir-Regjun Għawdex dwar għażla ta' kotba – proġett librerija fil-lokalita'.

**17.3.11** Emejl mingħand il-KIP dwar estenzjoni tal-ġbir tal-iskart imħallat nhar ta' Sibt matul ix-xahar t'Ottubru. Il-Kunsill qabel li dan is-servizz għandu jiġi estiż għal xahar ieħor.

**17.3.12** Emejl mingħand il-KIP dwar ġbir ta' kaxxi tal-kartun. Stabilimenti kummerċjali għandhom ikollhom kollettur privat. Ir-residenti għandhom jitwu l-kaxxi u jpoġġuhom fil-boroż griżi.

**17.3.13** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-ASKL Cir AKL 2020/108 – Il-Festa bħala Wirt Intanġibli Dinji Ittri UNESCO. Il-Kunsilliera qablu ma' din u l-Kunsill għandu jibgħat ittra kif mitlub.

**17.3.14** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar 'Invitation to Regional Committees to participate in the Pink October Campaign 2020'. Din is-sena l-Kunsill ma jistax jixgħel is-siġra tal-Pjazza minħabba s-sitwazzjoni perikuluża tal-berġa (minn fejn nieħdu d-dawl). Il-Kunsill ser jixgħel il-festun li hemm fil-ġallerija.

**17.3.15** Korrispondenza dwar 'European Week for Waste Reduction' li ser tkun bejn il-21 ta' Novembru u d-29 ta' Novembru 2020. It-tema ta' din is-sena hija "Invisible Waste" li huwa l-ammont kbir ta' skart iġġennarat waqt il-manufattura tal-prodotti. Il-Kunsill is-soltu jieħu sehem f'din il-kampanja permess ta' ġbir ta' ħwejjeġ. Din is-sena minħabba l-pandemija din il-ġabra mhux se issir.

**17.3.16** Korrispondenza mingħand s-Sindku tal-Għarb dwar proġett immirat biex jipprovdi servizzi alternattivi ta' trasport u mingħajr emissjonijiet lir-residenti u lit-turisti. Il-Kunsilliera talbu aktar informazzjoni u jekk possibbli laqgħa mas-Sindku tal-Għarb biex dan jiġi diskuss fid-detall u jingħata aktar tagħrif.

**17.3.17** Emejl mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar "Accumulation of Vacation Leave from 2020 to 2021". Il-Kunsill approva l-ammont ta' 108 siegħa mis-sena 2020 għas-sena 2021 tas-Segretarju Eżekuttiv.

**17.3.18** Wara talba li saret mill-Kunsill lil TM sabiex isiru sinjali sofor quddiem bieb ta' garaxx fi Triq il-Fanal kantuniera ma Triq Ta' Għammar, il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand it-TM fejn qalulna sabiex nitolbu bil-miktub lir-resident/sid ta' din ir-residenza biex ma jipparkjax quddiem il-bieb tal-garaxx peress li qed jikkawża periklu. Il-Kunsill għamel din it-talba bil-miktub iżda xorta baqa jipparkja quddiem il-bieb. It-TM issuġġerixxa li jsir sinjal isfar quddiem dan il-bieb. Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment.

**17.3.19** Il-Kunsill irċieva notifika mingħand l-ARPA (Agenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali). Huma talba li l-Kunsill jirrifondi l-ammont ta' €57,871.08 mill-ammont ta' €189,299.10 li ngħata taħt il-Miżura 4.3. Il-Grant oriġinali li ġie mogħti lill-Kunsill kien tal-ammont ta' €378,598.19. Mentri t-toroq ġew jiswew €290,217. Il-Kunsill kellu jitlob l-għajnuna lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jitħallas il-bilanċ li jammonta għal €100,918. Issa l-Kunsill ġie mitlub jingħata lura fondi li uża biex ħallas l-ispejjes ta' dawn it-toroq.

Il-Kunsill għamel oġġezzjoni fuq il-bażi li ma ngħatax dettalji ta' dan l-ammont li ġie mitlub jirrifondi. Il-Kunsill ser jitlob ukoll għajnuna mill-Ministeru responsabbli għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.

**17.3.20** Il-Kunsill irċieva emejl datata 27 ta' Awwissu 2020 mingħand il-perit tal-Kunsill fejn hu rrefera għall-ittra mibgħuta lilu mill-Kunsill fil-25 ta' Ġunju 2020 dwar ħlasijiet relatati mal-Mizura 4.3. Fil-laqgħa tal-Kunsill Numru 14 il-Kunsill ma approvax il-bilanċ tal-kont tal-perit fuq il-Mizura 4.3. Dan huwa spjegat fil-Minuti 14. Fl-emejl tiegħu hu qal li ma kienx responsabbli li jkun jaf protokoll tal-EU. Fil-kuntratt tiegħu mal-Kunsill huwa speċifikat li waħda mir-responsabbilitajiet tiegħu huwa: "supervise and manage contracts or projects which are financed through public cofinancing such as European Funds ..." Il-perit qal ukoll li hu jaċċetta li mhux ħa jitħallas jekk il-Kunsill m'għandux fondi.

Il-Kunsilliera nnotaw li l-Kunsill ġie mitlub li jħallas lura lill-ARPA u għalhekk barra li l-perit kellu responsabilita tal-fondi mill-Unjoni Ewropeja, il-Kunsill mhux ser ikollu fondi biex iħallas l-ispejjes inkonnessjoni ma' dan il-proġett u għaldaqstant dan il-kont ma jistax jitħallas.

**17.3.21** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill PA/04401/20 – 'Site at, Pjazza s-Salvatur, Għasri, Proposed recreation garden consisting of new rubber flooring, new fencing, new play equipment and relocation of existing statue'. Kien hemm żewġ oġġezzjonijiet li s-Sindku pprova jindirizza, waħda mill-Iskola Laura Vicuna u l-oħra mit-Transport Malta. Wara żewġ laqgħat mal-Kap ta' l-Iskola ma sibnix rimedju. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li jibdel is-sit tal-proġett għan-naħa l-oħra tal-Knisja fejn bħal issa hemm ġnien.

**17.3.22** Cir AKL 2020/101 Ġbir ta' informazzjoni fuq latrini pubbliċi fil-lokalita'.

**17.3.23** Is-Sindku qal li hemm bżonn li titneħħa l-"information kiosk" li tinsab fil-pjazza quddiem l-għassa tal-pulizija. Din hija miksura u barra min hekk hija skaduta. Fil-pjazza hemm is-servizz tal-wifi u kważi kulħadd għandu *smart phone*. Il-Kunsilliera qablu.

## 17.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:

**17.4.01** Il-Kunsilliera Elizabeth Mintoff informat lill-Kunsill li fi Triq t'Għammar m'għadux ikun hemm ħafna skart minn meta tneħħiet il-ħadida.

**17.4.02** Inġibdet l-attenzjoni dwar il-bżonn li fil-bajja ta' Wied l-Għasri jkun hemm *swim zone* bil-ħbula sabiex id-dgħajjes u *jet skies* ma jidħlux fil-bajja.

**17.4.3** Reġgħet issemmiet il-problema tal-ħamiem selvaġġ. Il-Kunsill għandu jikkuntatja lil tas-Sanita dwar din il-problema.

**17.4.4** Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat minn persuna sabiex isir passaġġ żgħir bil-konkos. Wara li l-Kunsilliera raw fejn hu dan il-post, din it-talba ġiet approvata.

**17.4.5** Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace ta rendikont tal-laqgħa tar-Reġjun li attenda hu.Dawn l-items jintbagħtu lill-Kunsill permezz ta' emajls.

**17.4.6** Il-Kunsillier Sammy Saliba staqsa jekk l-art ħdejn l-entratura tal-bajja ta' Wied il-Għasri ħux privat. Is-Segretarja ħa tiċċeja mal-Awtorita' tal-artijiet.

## 17.5 Premju Ġieħ l-Għasri:

**17.5.01** Dr. Therese Cutajar ir-rebbiegħ ta' Premju Ġieħ l-Għasri nformat lill-Kunsill li hi se tiġi Malta fit-23 ta' Ottubru għal tlett ijiem. Għalħekk il-Kunsill iddeċieda li ċ-ċerimonja tal-għoti tal-premju ssir nhar is-Sibt waqt il-quddiesa ta' filgħaxija. Is-Segretarja ssuġġerit li waqt l-istess ċerimonja ssir għotja ta' ċertifikati lil dawk il-persuni li ħadu sehem fl-attivitajiet li saru f'Ġunju (ritratti tal-Għasri, ritratti tat-tfal lebsin bil-kuluri tal-bandiera Maltija, tpinġija ta' veduti tal-Għasri, u ittra lill-ħaddiema tal-isptarijiet waqt il-COVID 19). Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment.

**17.5.02** It-trofew li s-soltu jingħata lir-rebbieħ (maħdum mill-ħġieġ), din is-sena ma jistax isir minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija. Għalhekk il-Kunsill ġab kwotazzjonijiet ta' trofews maħduma mill-ġebla Maltija. Intgħażel trofew biex jingħata f'din l-okkazzjoni.

## 17.6 Ħsarat bil-Maltemp;

**17.6.01** Bil-maltemp li sar ftit ġimgħat ilu waqgħu diversi ħitan madwar l-Għasri. Il-kuntrattur tal-Kunsill ġie mitlub biex iwarrab il-ġebel mit-toroq. Fl-istess ħin kien hemm ħaddiema tal-gvern ċentrali li kienu jwarbu l-ġebel sabiex jitneħħa l-periklu. Il-Kunsill ġie nformat li l-ħaddiema tal-Gvern ser jibnu l-ħitan li waqgħu.

## 17.7 Website tal-Kunsill;

**17.7.01** Il-Kunsill ġie nformat mill-kuntrattur li jieħu ħsieb il-*website* tal-Kunsill li hu mhux ħa jkomplu b'dan ix-xogħol. Il-Kunsill tal-Għasri għandu parti mill-*website* tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn diġa qed itella l-minuti u affarijiet oħrajn, għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li jżomm id-*domain* ghasri.com u dan jiġi *linked* mal-paġna tal-website tad-Dipartiment. Diversi Kunsilli Lokali oħra diġa għamlu hekk. Inġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għandu jkompli jaġġorna l-paġna tal-Facebook.

## 17.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

**17.8.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-17 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 17. 9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.

**17.9.01** Il-laqgħa ntemmet fid-8:45 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 29 ta' Ottubru fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, l-Erbgħa 24 ta' Settembru 2020.

| | |
|---|---|
| **FFIRMATA** | **FFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |